MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1673/2001/1

**Maltacom p.l.c.**
**vs**
**Nazzareno U Emanuela konjugi Bonnici**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-3 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tletin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm630.67), dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 694627 (skond ma jirrizulta mid-dokumenti markati Dok.A u B);**
**Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jhallsu izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif ukoll bl-ispejjez ta' l-ittra nterpellatorja kontra l-konvenuti, datati 16 ta' Marzu, 2001, ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fis-17 ta' Jannar, 2002, li fiha ntqal:**

**i. Illi preliminarjament it-talbiet tas-socjeta` attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2148(f) jew 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, skond il-kaz;**
**ii. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet attrici;**
**iii. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri, Nazzareno Bonnici u Charles Attard. Ra n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenuti fl-24 t'April, 2002. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' sitt mija u tletin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm630.67) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 694627.**
**2. Skond is-socjeta` attrici f'Lulju, 1998 kien sar hlas u kien gie registrat f'isem il-konvenut, u l-applikazzjoni kien iffirmha l-konvenut.**
**3. Skond il-konvenut, fi Frar, 1985 kien applika ghall-permess, u sal-1988 kien ihallas b'arrangament mal-Kazin tal-Partit Laburista taz-Zejtun. Skond il-konvenut il-kontijiet kienu jaslu f'isem il-kazin. Il-konvenut jghid li meta spicca minn hemm ma kienx kiteb lis-socjeta` attrici biex jinforma li ma kienx ghadu aktar responsabbli.**
**4. Il-President tal-Kazin tal-Partit Laburista taz-Zejtun xehed li kien hemm linja li saret ghall-barra, filwaqt li l-Kazin ghandu l-linja tieghu. Kien sar arrangament intern li jhallas ghall-linja il-konvenut sakemm kien qed jahdem hemm.**
**5. Mil-ftehim Dok.A esibit jirrizulta li kien il-konvenut li ffirma l-ftehim ghall-linja tat-telefon. Jirrizulta li din kienet il-linja li saret ghall-barra bil-kunsens tal-Kazin, pero` saret definittivament ghall-konvenut. F'dan is-sens ma jistghax jinghad li l-konvenut mhux l-legittimu kontradittur.**

**6. Stabbilit dan, it-Tribunal jaghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet studjata u dettaljata maghmula mill-konvenuti.**
**7. It-Tribunal jibda biex jinnota dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata illi hawn kien hawn kuntratt bejn il-partijiet, u ghalhekk l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin, ossija dik indikata fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**8. In kwantu is-socjeta` attrici qed tghid li kien hemm ir-rikonoxximent tad-debitu peress illi fis-27 ta' Lulju, 1998, kien sar pagament, ghandu jinghad li ma jirrizultax li dan il-pagament fil-fatt sar mill-konvenut. Jirrizulta illi kwalunkwe pagament li sar mill-1998 l'hawn sar mill-kaxxier tal-Kazin, u dana kif xehed Charles Attard. Fil-fatt inghad li mill-1998 sal-lum l-pagament sar b'cekk mahrug mill-kaxxier u dana ghar-rigward tal-linja tat-telefon bin-numru 694590, cioe` mhux il-linja in kwistjoni. Fir-rigward jigi rilevat ukoll li l-PL Noel Scerri ghas-socjeta` attrici ma kienx f'posizzjoni li jghid minn min sar il-pagament.**
**9. Ghandu jinghad ukoll, kif gustament sollevat mid-difensur tal-konvenuti, illi anke li kieku sehh tali pagament, biex ikun hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni fuq allegat rikonoxximent, il-prova fir-rigward tinkombi fuq il-persuna li kontriha qed tigi eccepita l-preskrizzjoni, cioe` s-socjeta` attrici. (Carmelo Micallef vs Brig. John Belle Mc Cance noe App. Civ. deciz fit-30 ta' Mejju, 1952; Vincenzo Benedetto Dimech et vs Vincenzo Attard et, App.Civ deciz fit-8 ta' Marzu, 1972).**
**10. Biex ikun hemm ir-rikonoxximent tad-debitu l-pagament irid ikun sar mid-debitur, jew almenu bl-approvazzjoni u kunsens tad-debitur. Dana ma jirrizultax li kien il-kaz. In kwantu ghadda t-terminu preskritt mil-Ligi sabiex tigi istitwita l-azzjoni ma hemmx dubbju li l-azzjoni odjerna hija preskritta.**

**Ghalhekk it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni sollevata dwar li l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur, u qed jakkolji l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, u jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**